Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Lokalità

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 3

**Data tal-laqgħa: 14 ta' Diċembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fis-6.00 ta' filgħaxija.

Din il-laqgħa ġiet trasmessa *live* fuq l-*internet*. Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, il-pubbliku ma setax jattendi għal-laqgħa però xorta kellu l-opportunità li jipparteċipa u jagħmel l-interventi b'mezzi elettroniċi.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dott. Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dott. Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan BZN 1020
☎ 21442323 ✉ balzan.lc@gov.mt

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 3.1 Introduzzjoni mis-Sindku

3.1 Is-Sindku għamel l-introduzzjoni tiegħu ta merħba lil kull min qiegħed isegwi l-laqgħa *live*. Is-Sindku qal li din il-laqgħa qed issir *online*, bħala miżura ta' saħħa minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19.

## 3.2 Qari tal-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 2

3.2.1 Il-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef qara l-minuti ta' Laqgħa tal-Lokalità Nru. 2 li saret fis-16 ta' Diċembru 2019.

## 3.3 Estimi Finanzjarji 2021

3.3.1 Is-Sindku ta spjegazzjoni tal-abbozz tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021. Is-Sindku infurma li għas-sena d-dieħla l-Kunsill ser ikun qed jaħdem fuq dawn il-proġetti:

• *Traffic Island* fi Triq il-Qarċilla;
• Tisbiħ tal-*Playing field;*
• Tisbiħ ta' Wesgħa Ġiġi Gauci.

## 3.4 Mistoqsijiet u Suġġerimenti

3.4.1 Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri stieden lir-residenti li kienu qed isegwu l-laqgħa *live* fuq Skype u fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill biex jagħmlu l-interventi tagħhom.

3.4.2.1 ***Residential Parking Scheme***
Residenta staqsiet għaliex il-parkeġġ fil-Pjazza u fi Triq Ġuże' Bonnici m'humiex riservati għar-residenti. Is-Sindku xtaq jikkjarifika li bil-proġett tal-*playing field* m'hu ser jintilef l-ebda *parking*. Dwar ir-*Residential Parking Scheme,* is-Sindku spjega li TM mhux joħorġu permessi għal żoni/toroq ġodda.

3.4.2.2 Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill konxju tal-problema ta' nuqqas ta' parkeġġ, u għalhekk li l-Kunsill qed jaħdem biex tiġi devoluta l-art ta' Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina biex isir proġett ta' parkeġġ kontrollat.

3.4.3 **Proġett ta' pavimentar ta' diversi toroq fil-qalba tar-raħal**
Resident staqsa dwar jekk hemmx indikazzjoni meta se jsir il-proġett ta' pavimentar. Is-Sindku spjega li l-permess tal-PA għadu ma ħariġx. Apparti minn hekk, għad m'hemmx fondi tal-EU *available* għal dawn it-tip ta' proġetti, u jekk ikun hemm, il-Kunsill irid jingħaqad ma' rħula tal-viċinanzi biex isir proġett wieħed.

3.4.4 **Servizz għall-Anzjani – Testijiet tad-demm**
Dwar is-servizz ta' *nurse* li tmur fid-djar teħdilhom id-demm minflok imorru l-berġa, il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li wara taħdidiet li kellha mal-awtoritajiet, kienu waslu għall-konklużjoni li dan is-servizz jibda minn Marzu, però minħabba l-COVID-19 ġie pospost kollox.

3.4.5.1 **Berġa fil-lokalità**
Resident staqsiet jekk jistax isir xi ħaġa biex il-berġa timxi għal post akbar, li jkun aktar konvenjenti għar-residenti.

3.4.5.2 Is-Sindku spjega li l-*premises* fejn konna qabel, li fiha kien hemm ukoll il-berġa ingħalqet, kienet diġà diffiċli biex sibna post għall-uffiċċju tal-Kunsill, aħseb u ara binja li takkomoda l-berġa u l-posta. Is-Sindku qal li dak l-uniku post li nstab għal berġa f'Ħal Balzan, għallinqas ir-residenti jevitaw li jkollhom imorru jinqdew minn Birkirkara.

3.4.5.3 Is-Sindku qal ukoll li qed jiġi esplorat il-fatt li jekk l-għases iż-żgħar (inkluż dik ta' Ħal Balzan) ser jibqgħu magħluqin, il-Kunsill ser jitlob biex il-binja tal-għassa tintuża għal skopijiet tal-Kunsill, fosthom għal berġa.

3.4.6.1 **Xogħlijiet fi Triq il-Kbira**

Resident qed jistaqsi jekk il-Kunsill hux qed jikkunsidra li ssir Triq il-Kbira peress li hemm diversi *potholes*. Is-Sindku qal li resident infurmah li minn informazzjoni li għandu, qed jgħid li se jsir proġett biex issir it-triq.

3.4.6.2 Is-Sindku qal li l-Kunsill mhux infurmat li se ssir Triq il-Kbira kollha (minn fejn Three Villages sa fejn Costa). Il-Kunsill jieħu ħsieb li jagħmel *patching* bir-riżorsi limitati li għandu. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill infurmat li se jinbidlu l-*mains* tad-drenaġġ, kif ukoll ir-resurfacing, minn fejn id-Dolphin sa fejn Costa.

3.4.7 ***Zebra crossing* fi Triq Balaguer**

Resident talab li ssir *zebra crossing* fi Triq Balaguer. Is-Sindku qal li din it-triq, flimkien ma' Triq Sir A Micallef, kienet waħda mit-toroq li kellha ssir minn IM. Il-Kunsill bagħat *reminder* lill-IM, biex jindikawlna l'hiema huma t-toroq li huma pproġettati li jsiru fis-sena 2021. Jekk din it-triq issir, jekk ikun hemm il-bżonn, issir *zebra crossing.* Is-Sindku xtaq jiċċara li biex issir *zebra crossing* iridu jitneħħew numru ta' *parking bays*.

3.4.8 **Rampa tal-garaxxi perikoluża**

Resident ilmenta li fi Triq Idmejda hemm rampa ta' garaxx perikoluża. Is-Sindku qal li din ġiet irranġata mill-ħaddiema tal-Kunsill fejn ġie applikat materjal apposta biex ma tibqax tiżloq.

3.4.9.1 ***One-Way* – Triq San Franġisk**

Residenta qed tissuġġerixxi li Triq San Franġisk (bejn Triq il-Kbira u Triq it-Taib J Zammit) issir *one-way* bil-kontra għax preżentament hemm *blind spot* meta tiġi biex toħroġ għal Wied Ħal Balzan.

3.4.9.2 Ġie nnutat li dan mhux possibbli u li l-*blind spot* qed jinħoloq meta jkun hemm karozzi pparkjati fil-kantuniera. Ser ninfurmaw lill-LESA sabiex isir infurzar.

3.4.10 ***Stone bollards* fi Triq il-Kbira**

Residenta talbet li jitneħħew *stone bollards* li hemm fejn il-Hudson fi Triq il-Kbira. Dawn m'għandhom l-ebda valur storiku, huma perikolużi u qed jostakolaw il-bankina. Il-Kunsill ser jiċċekkja jekk dawn jistgħux jitneħħew.

3.4.11 **Talba biex Triq il-Ferrovija l-Qadima tiġi *one-way***

Resident staqsa jekk hemmx il-pjan li Triq il-Ferrovija l-Qadima tiġi *one-way*. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diġà ressaq din it-talba u ma ġietx approvata minn TM. Is-Sindku spjega li TM jirrikjedu li jsir studju fuq żona sħiħa u mhux fuq triq waħda. Meta l-Kunsill kien ippreżenta t-talba, wara studju li sar, biex Triq il-Ferrovija l-Qadima ssir *one-way* naħa u Triq Birbal *one-way* bil-kontra, it-talba ġiet immedjatament irrifjutata peress li Triq Birbal hija triq arterjali.

3.4.12.1 ***Central Link Project***

Resident staqsa dwar kif baqa' l-Kunsill ma' IM dwar il-periklu li hemm meta tiġi biex toħroġ minn Vjal De Paule għal Triq l-Imdina peress li tneħħew it-*traffic lights.* Is-Sindku qal li l-Kunsill diġà kiteb lill-IM u għadna ma ħadniex risposta. Se nibgħatu *reminder*.

3.4.12.2 Ir-resident issuġġerixxa li l-Kunsill jagħlaq it-triq bil-vann tal-Kunsill għal ftit minuti bħala protesta fil-preżenza tal-*media*. Il-Kunsill irrimarka li protesta b'dan il-mod ma tistax issir għax tkun qed tikser il-liġi. Is-Sindku rrimarka li Vjal De Paule ma taqax taħt ir-responsabblità tal-Kunsill għax hija triq arterjali. Il-Kunsill konxju tal-periklu li hemm, u kif intqal qabel, ser tintbagħat *reminder*.

3.4.12.3 Is-Sindku enfasizza li mill-mument li IM jibdew xogħlijiet f'xi triq, il-Kunsill jitlef kull tip ta' ġurisdizzjoni sakemm jitlestew ix-xogħlijiet. Dan ifisser li, kull tip ta' inċident li jseħħ tul il-perjodu tal-proġett, hija taħt ir-responsabbiltà ta' IM flimkien ma' TM.

Resident irringrazzja lis-Sindku u lill-Kunsilliera kollha tax-xogħol li qed jagħmlu għar-raħal u awgura l-festi t-tajba.

Ma kienx hemm aktar kummenti u suġġerimenti mir-residenti. U għalhekk, is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri għalaq il-laqgħa billi rringrazzja lir-residenti li segwew u pparteċipaw waqt il-laqgħa. Il-laqgħa ntemmet fis-7.15pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 28 ta' Jannar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |